**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 179/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Thomas Camilleri**

**<u>Illum, 6 ta' Ġunju, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Thomas Camilleri** detenur tal-karta tal-identita Maltija **570788M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l'istess dispożizzjoni tal-liġi jew dipożizzjonijiet relatati tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar l-14 ta' Marzu 2021 f'xi ħin bejn id-disa u l-għaxra ta' filgħaxija (21:00Hrs u 22:00Hrs) ġewwa dawn il-gżejjer, b'mezzi kontra il-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi ura ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapiżi foloz, jew ta' hila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex inqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta'

ħaddieħor għas-somma ta' mitejn ewro (€200) għad-dannu ta' **Joseph Catania** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

2. Fl-istess data ħin lok u ċirkostanzi għamel qliegħ b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għad-dannu ta' **Joseph Catania** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra:
3. Nhar l-15 ta' Marzu 2021 f'xi ħin bejn il-ħamsa u is-sitta ta' wara nofsinhar (17:00Hrs u 18:00Hrs) ġewwa dawn il-Gżejjer, b'nezzi kontra il-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi ura ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapiżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex inqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddiehor għas-somma ta' elf ewro (€1000) għad-dannu ta' **Joseph Garrett** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;
4. Fl-istess data ħin lok u ċirkostanza għamel qliegħ b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għad-dannu ta' **Joseph Garrett** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;
5. Nhar l-17 ta' marzu 2021 f'xi ħin bejn id-disa u l-għaxra ta' filgħodu (09:00Hrs u 10:00Hrs) ġewwa dawn il-gżejjer, b'mezzi kontra il-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi ura ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' inrapiżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex inqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' haddiehor għas-somma ta' elf u seba mitt ewro (€1700) għad-dannu **ta' Josef Penza** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;
6. Fl-istess data ħin lok u ċirkostanzi għamel qliegħ b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għad-dannu ta' **Josef Penza** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra :
7. Fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Marzu 2021 f'xi ħin bejn is-sitta ta' filgħaxija u s-siegħa u nofs ta' filgħodu (18:00Hrs u 01:30Hrs) ġewwa dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra il-liġi , jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor,ingann, jew billi ura ħaġa b'oħra sabiex

iġġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddiehor għas-somma ta' ħames mija u sittin ewro (€569) għad-dannu ta' **Akim Falzon** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

8. Fl-istess data ħin lok u ċirkostanza għamel qliegħ b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għad-dannu ta' **Akim Falzon** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli;

9. Fi xahar ta' Marzu 2021, f'dawn il-gżejjer, ffalsifika ċeduta, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew tieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern dan :
10. Fi xahar ta' Marzu 2021, f'dawn il-gżejjer għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħalsien falz minn obbligi għad-dannu **Noel Scicluna** u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;
11. Fi xahar ta' Marzu 2021, f'dawn il-gżejjer xjentament għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta qabel ta' dan is-sub-titolu w ċioe' Fuq il-*falsifikazzjoni ta' skrittura oħra publiċi jew privati* tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar id-9 ta' Marzu 2021 għal ħabta ta' bejn l-erbgħa u l-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (16:00Hrs u 17:00Hrs) ġewwa triq San Pawl , San Pawl il-Baħar u/jew fil-viċinanzi;

12. Ikkommetta serq ta' flus kontanti liema ammont huwa ta' mija u għaxar ewro (€110) minn ġewwa vettura JLY-187 ta' l-għamla Ford, liema serq huwa aggravat 'bix-xorta tal-ħaġa misruqa' għad-dannu ta' **Hudesa Dhaba Yadati** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli;

13. Fi xhur ta' bejn Jannar u Marzu 2021 ġewwa dawn il-gżejjer wara li sibt ħwejjeġ u ċioe' Cheque books li jappartjenu lil xi persuna oħra ċioe' lill NOEL Scicluna inqast li tgħarraf lill-pulizija fi żmien tlett t'ijiem;

Finalment nakkużawh ukoll tati;

14. Bejn ix-xhur ta' Jannar u Marzu 2021 ġewwa dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ( Malta ) Maġistrat Dr.Claire Zammit Stafrace LL.D. fid-digriet datat 2 ta' Mejju 2017 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Ġunju, 2023, fejn

- Il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2), erbaħ (4), sitta (6) u tmienja (8) dedotti kontra l-imputat;

- Sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet numru tnax (12) dedotta kontra tiegħu, u għalhekk illiberatu minnha.

- U sabet lill-imputat, hati tal-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu inkluz li huwa recidiv b'dan li fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru ħamsa (5), l-ammont defrawdat huwa ta' elf ħames mija u tnejn u ħamsin Ewro (€1,552) u fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru sebgħa (7), l-ammont defrawdat huwa ta' ħames mitt Euro (€500).

- Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti ikkundannat lill-imputat għall-piena karċerarja ta' tlett (3) snin u sitt (6) xhur, li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri kriminali biss.

- Irrevokat d-digriet tal-ħelsien mill-arrest minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-2 ta' Mejju 2017, u ordnat ir-riarrest tiegħu f'dawk il-proċeduri kriminali, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' tlett elef Euro (€3000), mill-ammont ta' garanzija personali ikbar imposta fl-istess digriet.

- Irrevokat d-digriet tal-ħelsien mill-arrest minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-20 ta' Settembru 2019, u ordnat ir-riarrest tiegħu f'dawk il-proċeduri kriminali, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) u ta' elf euro (€1000) mill-ammont ta' garanzija personali ikbar imposti fl-istess digriet.

- Ordnat li jekk il-ħati naqas li jħallas dawn l-ammonti imsemmija mill-garanziji personali jew parti minnhom, l-ammont jew il-bilanċ jiġi konverti fi priġunerija bir-rata stabbilita skond il-liġi.

- In oltre, il-Qorti ordnat lill-ħati iħallas li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjez għandhom jitħallsu fi żmien xahar (1) xhur minn meta jiġi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi devot minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata

stabbilita skond il-liġi.Il-Qorti ordnat komunika ta' din is-sentenza lil din il-Qorti diversament preseduta li quddiemha jinsabu pendenti iż-żewġ proċeduri kriminali l-oħra kontra l-ħati.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Thomas Camilleri, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Lulju, 2023, fejn talab lil din l-onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. **Tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tnax (12)-il akkuża fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni (2), ir-raba' (4), is-sitt (6), u t-tminn (8) akkuża;
2. **Thassar u Tirrevoka** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), it-tielet (3), il-ħames (5), is-seba' (7), id-disa' (9), l-għaxar (10), il-ħdax (11), it-tlettax (13), l-erbatax (14) u l-ħmistax (15)-il imputazzjoni u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;
3. F'kull każ u sussidjarjment**, Tirriforma** l-parti tas-sentenza konċernata l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ;

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell u dan fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2024.

**Ikkunsidrat**.

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-apppellant jistqar li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta'

Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :
Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[3].

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika a' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Diċembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru

Illi din il-Qorti thoss li qabel ma tidhol u tiddiksuti r-reati li taghhom instab hati l-appelalnt ghandha tghid kelmtejn dwar dak li kien gie solelvat fin-nota ta sottomisjsonijeit u fir-rikros tal-appell dwar l-mandat ta arrst li hareg fil-konfront tal-appellant. Dwar dak sollevat mid-difiza fin-nota tas-sottomissjoni taghha dwar l-arrrest tal-appellant ftit jista jinghad ghaliex kien l-istess appellant tramite l-avukat difensur tieghu li stqarr mal-prezentata tal-appellant nhar is-26 ta' Marzu 2021 li ma kienx qed jikkontesta l-arrest. In oltre meta xehdet l-ispttur Chrstina Delia nhar it-8 ta April 2021 tghid li kienet talbet lil Magistrat tal-ghassa ghal hrug ta' mandat ta' arrest u tfittxja u in oltre stqarret ukoll li kienet infurmat lill-allura Magistrat Dr Natasha Galea Schiberras meta sabet lill-appellant li kienet ser izzomm lill-appellant ghal iktar minn sitt sieghat taht arrest preventiv. Il-fatt li kopja ta dan il-mandat ma giex esebit fl-atti ma ifissirx li in effetti ma kienx hemm mandat. Id-difiza qatt ma talbet sabiex dan id-dokument jigi esebit u stante li ma kienx hemm kontestazzjoi dwar l-arrrest tieghu lanqas ma kien mehtieg li jigi esebit in vista tax-xhieda moghtija mill-ispettur Delia. Waqt it-tfittxija li saret fir-residenza tal-appellant , l-appllant kien presenti meta instab ic-cheque book ta Noel Scicluna skond l-istes spettur Christina Delia.

Illi jirrizulta li l-appellant instab hati tar-reat ta' frodi fl-akkuzi enumerati wiehed, tlieta, hamsa u sebgha u ghalhekk dawn huma l-ewwel akkuzi li din il-Qorti ser titratta.

---

2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991. 4Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004

In tema legali kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:

> *"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (**Il Pulizija v. Emmanuele Ellul**,[4]; ara wkoll **Il-Pulizija v. Daniel Frendo**[5],). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**[6],). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**[7]; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**,[8]; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**[9],)."*

Il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il Pulizija vs Etienne Bartolo et**[10] ghamlet studju approfondit dwar ir-reati previsti bl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali:-

> *Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei31 artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di*

---

[4] App. Krim., 20/6/97
[5] App. Krim., 25/3/94
[6] App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140
[7] App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137
[8] App. Krim., 25/7/53, Vol.XXXVII.iv.1127
[9] App. Krim., 3/3/56
[10] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciza 16 ta' Marzu, 2016, Magistrat Dr Josette Demicoli,

*parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

*Antolisei jkompli jghid pero li nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[11].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[12]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Charles Zarb****, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

[11] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 357

[12] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*

*Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew c. ta' kwalifiki foloz jew d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor. ….*

*Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….''*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi "**hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "**kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li***

*dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en scene."*

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "**l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.[13]"**

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (**Il-**

[13] (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179

**<u>Pulizija vs Patrick Spiteri</u>** [14]) : "**L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta/ accompagnata dalla consapevolezza 10 11 del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."**

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza **<u>Il-Puliizja vs Carmela German</u>**[15] : **"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."**

[14] deciza 22/10/2004

[15] Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004

Illi inkwantu ghall-mertu tal-kaz, referenza ssir ghas-sentenza fl- ismijiet **<u>Il-Pulizija vs George Debono</u>**[16]**:**

> *"Illi sentenza fejn il-fattispecje taghha kienu jirrigwardaw proprju cekk mhux onorat hija dik moghtija mill Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuele Vella deciza fl-20 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti stqarret:*
>
> *"Issa dak li ghamel l-appellant cioe' li hareg cekk meta fil-kont ma kellux fondi, ghalkemm certament kien hemm l-element tal-qerq ma jistax jinghad li f'dana il-kaz induca lil xi hadd milli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga bi hsara ghal dak ix-xi hadd u bi qliegh ghalih." Il-Qorti tkompli tispjega illi fi kliem iehor ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness mehtieg bejn il-qerq adoperat mill-imputat u xi att ta' kummissjoni jew ommissjoni da parti tal-parti leza. Il-Qorti izzid illi peress illi dana in-ness huwa ukoll mehtieg ghall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 lanqas ma jista jissussisti f'dana il-kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309.*
>
> *F'dana il-kaz ghalhekk l-element essenzjali ghal kummissjoni tar-reat tat-truffa u cioe' illi bl-agir tat truffatur huwa ikun induca lill-vittma fi zball li permezz ta' dana l-izball il-vittma jaghmel jew jonoqs milli jaghmel xi haga bil-konsegwenza li issofri telf patrimonjali u bil-korrispondenti qligh ghall-agent certament ma jissussistiex f'dana il-kaz.""*

Fl-ewwel lok l-appellant instab hati tal-ewwel akkuza u cioe li ikkommetta frodi ghad-detriment ta' Joseph Catania. Illi fl-atti hemm esebit l-NPS report a fol. 40 datat 15 ta' Marzu, 2021 fejn Jospeh Catania ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta u rraporta kif kien gie defrodat. Dan spjega li huwa jahdem bhala delivery man mal Peking Retaurant u kien ghamel delivery ta' ordni ta' l-ikel fi Triq Luigi Poreziosi, San Pawl il-Bahar u thallas permezz ta' cekk fl-ammont ta' mitejn euro li fuqu kien hemm imnizzel l-isem ta' Noel Scicluna u ghalhekk ic-cekk rega ma giex onorat. Illi dan

[16] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-14 ta' Lulju 2010

Joseph Catania xehed nhar is-6 ta' April 2021 u spjga kif nhar l-14 ta' Marzu 2021 kien mar b'delivery fi Triq Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar u meta wasal hemm jghid li l-insitructionsl i kellu kienu li kien ser jircievi pagament ta' mitejn euro (€200) u kellu itih l-ikel u l-bqija fl-ammont ta' €53.60 ghaliex il-kont tal-ikel kien jammonta ghal €146.40. Meta mar lura ir-restaurant nduna li d-data fuq ic-cheque li kien tah ma kienitx tajba. Muri ic-cekk esebit fl-atti a u markat bhala dok CD14 jikkonferma li dan kien ic-cekk li ircieva. Fuqu jghid li n-numru tat-telefown ma kienx korrett u d-data kienet 2020 minnflok 2021. Cempillu u qallu dak li irrizultalu li qallu li kien ser jiltaqgha mal-owner tar-restaurant certu Lucienne Stivala quddiem is-San Antonio Hotel mieghu jum it-Tnejn. Jum it Tnejn wasal u ma marx jltaqa' maghha u ghalhekk cempillu hu u ftiehmu li jiltaqghu fis-6.30 fil-post fejn kien wassallu l-ikel. Fis-6.30 cempillu u qallu l kien ghadu xoghol u qallu li jkun ahjar jekk jiltaqghu bejn it-8.00 u t-8.30 p.m Mar hemmhekk fit-8.30 u jghid li ma qabadx it-tlefon. Baghtlu messag u dan wiegbu li dalwaqt jasal ma wasalx u kien ghalhekk li mar jghamel rapport dak il-hin l-ghada. Ikkonferma li l-ordni tal-ikel ta' lil Thomas li gharaf bhala l-akkuzat fl-awla.

Fl-istqarrija rilaxxjata mill-appellant nhar l-24 ta Marzu 2021 ighazel li jibqa siket meta mistoqsi dwar dan ir-rapport kif del resto kellu kul dritt li ighamel. Pero jinghad li din ix-xhieda ta Joseph Catania ghalhekk baqghet inkontestata u mhux michuda. Ma hemmx dubbju li abazi taghha r-reat ta frodi jirrizulta provat u dan ghaliex bl-agir tieghu u cioe ir-raggir fil-hrug ta' cekk gieghel titwemmen li huwa kellul-flus sabiex ihallas ghal ikel li kien ordna meta fil-fatt kien jaf ben tajjeb li c-cequebook ma kienx tieghu u li ma kienx intitolat li ighamel hlas bih.

**Noel Scicluna** ukoll xehed nhar it-12 ta' Mejju 2021 u kkonferma li meta kien qed jahsel il-van tieghu fil-gaarage tieghu l-Qawra qabel il-Miled 2020 huwa kellu zewg cheque books bejn is-seats. F'hin minnhom telgha fuq fil-flat sabiex igb it-tifel tieghu biex joqghod hdejh fil-garage u meta nizel lura ma sabx ic-cheque books hemm. Ghalhekk kien mar l-HSBC biex ighamel stop payment fuqhom. L-account numbers ta dawn iz-ewg kontijeit kienu 54122231001 u l-iehor 73086936001. Jghid li ma kienx induna mill-ewwel u ghalkemm kien mar jirraporta wara certu zmien . Qal li xi xahar jew xaghrejn wara bdew jipprovaw jissarfu dawn ic-cekkijiet u cemplulu l-pulizija u ghalhekk

induna li kienu gew misrqua u mar jghamel rapport l-ghassa li kienu gew misruqa kif jirrizulta mill-okkorenza esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok CD 10 a fol. 43.

Kien proprju meta kienet cemplitlu sid il-hanut Peking u qaltlu li ma kienx hallasha u dan meta dejjem jixtri minghadnha ihallasha dak il-hin. Illi fl-ebda hin ma gie mistqosi jekk in effet kienx ta l-kunsens tieghu sabiex dan ic-cheque book jintuza mill-appellant. Ghalhekk fin-nuqqas ta tali prova jirrizulta bic-car li l-appellant qabad u uza dan ic-cheque book biex hallas bih id-dejn tieghu ma Peeking Restaurant u mhux talli halals il-kont li kellu izda li talbu ighatih bqija ta mitejn euro fi flus kontanti sabiex huwa itih cheuq ghal mitejn euro u jerga jghamel gwadannn iehor mill-flus li ircieva f'cash. Konsegwentement jirrizulta bic-car li din l-ewwel akkuza tirrizulta ben provata kif ddecidiet l-ewwel qorti.

Il-pulizja kellha suspett li l-appellant kien qed ighix fi Triq Luigi Poreziosi San Pawl il Bahar peress li r-reati kienu qed isiru f'dik it-triq. Fil-fatt saret tfittxija u dan instab hemm u gie arrestat nhar l-24 ta' Marzu 2021. F'din it-tfittxija instab wiehed mic-cheque books ta' Noel Scicluna li kien irraport li kien mitluf izda go fih ma kienx hemm cekkijiet izjed.

Fit-**tielet akkuza** li taghha l-appellant instab hati gie akkuzat talli fil-15 ta Marzu 2021 iddefroda lil Joseph Garrett. Illi nhar it-18 ta' Amrzu 2021 Joseph Garreth flimkien mal-impjegat tieghu Omar Amadani kienu marru l-ghassa tal-Qawra jghamlu rapport fuq r-reat ta' frodi kif jirizulta mid-dokument markat CD8 esebit fl-atti a fol. 36 et seq. Fil-fatt Amdani jghid li Thomas Camilleri kien ghamel kuntatt mieghu tramite s-sit socjal Facebook u dan biex jixtri zewg air conditioners. Irraporta li in segwitu iltaqghu San Pawl Il- Bahar fejn saret il-konsenja tal-air conditioners. L-appellant halsu permezz ta' cheque fl-ammont ta' elf euro (€1,000).

**Joseph Garreth** xehed nhar il-21 ta' Frar 2022 u kkonferma li ghandu negozju tal air conditioners u li l-lavrant tieghu Omar Aldamani kien tkellem ma Thomas Camilleri u ghamillu konsenja ta dawn iz-zewg air donitioners li ried u dan Thomas Camilleri halsu b'cheque. Waqt iAldamani kein sejjer ghandu bic-cheque cempilli u qallu li thallas bic-cheque izdali c-cheque ma kiexn f'ismu. Qal li huwa ra c-cheque kien f'isem Noel Scicluna . Huwa cempel lil dan Thomas u dan ammetta mieghu li c cheque kien

falz u kien lest li jitlaqa' mieghu hdejn it Toyota showroom haz Zebbug u jirritorna wiehed mill-air conditions li kien xtara minghandu. Huwa mar kf ftiehmu izda dan Thomas Camilleri ma zammx kelmu u ma marx . Kien ghalhekk li ghamel ir-rapport ghand il-pulizija u ghadda dan ic-cheque lill-pulizija, liema chque jisnab mhux imsarraf u depositat fl-atti u markat bhala dok CD 15 a fol. 61 Ic-cheque huwa datat 15 ta Marzu 2021 f'isem Joseph Garreth u iffirmat bl-isem Noel Sciucluna.

**Omar Aldamani** xehed ukoll nhar il-21 ta' Frar 2022 (fol 521) u kkonferma li kien hu li ghamel il-konsenja taz-zewg air conditioners ghan nom ta' Joseph Garreth lil Thomas Camilleri li gharaf presenti fl-awla. Qal li huwa jirreklama fuq facebook ghaliex il-page jiehu hsiebha hu. Qal li Thomas Camilleri kien klijent ghalih fis-ens li talbu ibieghlu zewg air conditioners . Tah l-ispecifcations u dan kien qabel is-sajf tas-sena 2021 . Qal li kien biegħhom ghal-prezz ta' €600 il-wieħed u Camilleri talbu biex ipoggihomlu fil-parapett. . Halsu permezz ta cheque li kien gja miktub u indirizzat lil Joseph Gareth. Wara meta wasal id-dar qal li qabbel l-isem li kein hemm fuq c-cheque ma dak li kien hemm fuq facebook. Jgħid li minn hemm il-quddiem ha over Joseph Garreth. Qal li wara bed ajipprova jikkomunika ma dan Thomas izda ibblokjah minn facebook u whattsapp uy ma setax jikkomunika iktar mieghu.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Noel Scicluna u imkien ma jirrizulta l huwa t al-kusnens teighu sabeix Thomas Camilleri jghamel uzu mic-cheque book tieghu biex ihallas ghal-din il-konsenja ta' zewg air conditioners. Thomas Camilleri ghal darb ohra ikkreja mise en scene sabiex jitwemmen li kellu flus billi hallas ghal konsenja b'cheque book ta' haddiehor meta ma keinx awtorizzat juzah. Din it-tielt akkzua hija ben provata ukoll.

Fil-**hames akkuza** l-appellant gie akkuzat talli ddefroda lil Joseph Penza nhar is-17 ta' Marzu, 2021. Jirrizulta mill-okkorenza esebita fl-atti datata 23 ta Marzu 2021 li Joseph Penza ukoll irraporta li kien biegh zewg air conditioners lil Thomas Camilleri ghal prezz ta' elf hames mija u hamsin euro (€1,550) u thallas b'cheque li ma ssarafx. Irraporta li kien iltaqa' ma Thomas Camilleri fi Triq Luigi Poreziosi San Pawl il Bahar. Camilleri rega ghaddhielu cekk li fuqu kien hemm l-isem ta' Noel Scicluna ghal valur ta' elf u seba' mitt euro (€1,700) u talab lil Penza itih id--differenza ta' mija u hamsin

euro ( €150) fuq Revolut lil terza persuna . Josef Penza xehed fl-atti nhar is-6 ta' April 2021 u kkonferm air-raport tieghu. Muri c-cheque esbit fl-atti a fol 61 markat bhal dok CD 16 , datat 17 ta Marzu 2021 f'ismu jikkonferma i kien inghata lilu minn Thoms Camilleri minkella li hu iffirmat minn certu Noel Sciucluna. Dakinahr jghid li kien wahdu meta kkonsenja l-air conditioners ghaliex halla l-lavrant l-hanut ghaliex Camilleri reid l-Air conditioners malajr. Ikkonferm ali kien l-appellant presenti fl-awla li kien ghaddiehielu ic-cheque bhal hlas. Huwa esebixxa ukoll il-messagi li kien jircievi minghadn Thomas Camilleri fejn jghidlu li ken ser imur bil-flus . Dawn jinsabu fl-atti markati bhala dok JP1 a fol. 96 u 97 u jghid li minkejja il-weghdiet li kien ser ihalsu baqa' ma tah xejn u l-ari conditioners baqghu ghandu. Illi tali xhieda ma hiex kontradetta minn ebda xhieda ohra ghandha mis-sewwa u ghalhekk din il-hames akkuza tirrizulta ukoll provata.

Fis-**seba' akkuza** l-appellant gie akkuzat talli ddefroda lil Alkin Falzon kif rapportat minnu nhar l-20 ta' Marzu 2021 gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta skond l-okkorenza markata bhala dok CD 6 a fol. 30. Alkin Falzon kien irraporta li kien tkellem ma Thomas Camilleri dwar biegh ta' television u ftehmu sabiex iltaqghu fi Triq Luigi Preziosi, San Pawl il Bahar sabiex issir l-konsenja relattiva. Falzon mar fuq l-post bit-television u ghadda l-istess lil Camilleri. Dan Camilleri qallu li kellu jmur jigbed il-flus mill-ATM biex ihalsu. Falzon baqa' jistennih izda Camilleri qatt ma irrtorna. Falzon ghamel kuntatt ma Camilleri fuq il-mobile izda baqa' ma halsux tieghu.

**Alkin Falzon** xehed nhar l-24 ta' Mejju 2021 u kkonferma ir-rapport tieghu u kkonferma li t-television li kien tefa' ghal biegh kien tal-ghamla Sony 55 inch Smart TV u li kien bieghu ghal prezz ta' €500. Huwa gharaf lill-appellant odjern bhala l-pesuna li irceiva it-tlevision minghandu. Iprezenta ukoll il-konversazzjonijiet li kellu mal-appellant fuq il-facebook li gew markati bhala dok AF2 u korrispondenza li kellu mieghu fuq whattsapp li gew markati bhal adok AF3. Dawn id-dokumenti jikkoloboraw dak kollu li qal ix-xhud fid-deposizzjoni tieghu kif ukoll fir-rapport li ghamel ghand il-pulizija ftit wara l-akkadut.

Din ix-xhieda ta' Aiken Falzon ma gietx michuda minn l-ebda prova ohra u ghalhekk twassal lil din l-Qorti sabiex issib lil-appellant hati ta' din is-seba' akkuza ukoll.

Fid-**disa', ghaxar u hdax-il akkuza** l-akkuzat gie akkuzat talli fix-xahar ta' Marzu 2021 ffalsifika dokument li meta jigi presentat wiehed jistenna li jircievi hlas minn bank u l-uzu ta dan id-dokument.

Waqt l-andament ta' dawn il-proceduri il-Qorti kienet innominat lil Alberta Borg bhala esepert tal-kaligrafija u pprezentat ir-rapport taghha nhar il-11 ta' Awwissu 2022 . Din **Alberta Borg** kkonfermat li fuq ic-cekk mmarkat bhala dok CD 15 datat 15 ta Marzu 2921 li bih suppost thallas Joseph Garrett hemm id ta zewg persuni li kitbu ic-cekk. Pero hemm evidecnza li turi li l-kitba kolha fuq n-naha ta' quddiem tac-cekk minbarra il-firma u d-data hja tal-appellant. Jinghad ukoll li fuq iccekk markat bhala dok CD16 datat 17 ta Marzu 2021 miktub lil Joseph Penza hemm id ta zewg persuni oi kitbu dan i-cheque . Pero hawnhekk ukoll hemm evidenza li turi li l-kitba 'Joseph Penza' biss saret mill-imputat. Kif intqal aktar il-fuq dawn ic-cekkijeit inghataw mill-appellant lil Joseph Gareth u Joseph Penza apparti l ghamel uzu minn cekk iehor li kien iffalsifikat u cioe dok CD14 datat 14 ta Marzu 2020 indirizzat li Peking Restaurant u ghalhekk ma hemmx dubbju li dawn it-tlett akkuzi jirrizultaw provati b'mod sodsifacenti. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha meta ghamlet referenza ghal dak li intqal mill Professur Mamo[17] li l-falsifikazzjoni u l-uzu tad-dokument falsifikat ma jitqiesux mezz ghal fini ai termini tal-Artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali.

Fit-**tlettax-il akkuza** l-appellant gie akkuzat talli naqas li jgharaf lill-pulizija bi hwejjeg misruqa. Ma hemmx dubju kif mistqarr aktar 'l fuq l-appllant instab fil-pusess ta' cheque book li ken jappartjeni lil Noel Scicluna u dan minghajr ma ta bda spejga dwar dan.. Illi mhux tali hekk izda ghamel uzu minn dan ic-cheque book kif fuq spjegat Minn imkien ma jirrizulta f'xi hn l-appellant gharaf lill-pulizija bil-pusess tieghu u konsegwentement din l-akkuza tirrizulta ukoll ben provata.

Fl-erbataxu hmistax-il-akkuza l-akkuzat gie akkzuat talli kiser digrieti tal-helsien mill-arrest. Illi mill-atti jirrizulta li l-ispttur Christine Delia pprezentat waqt ix-xhieda tagha tas-6 ta' April 2021 kopja legali tad-digriet mahrug mill-Magistrat Dr Simone Grech[18]

[17] Notes on Criminal Law ( first year) pagna 159
[18] Fol. 66 tal-atti Dok CD 18

nhar l-20 ta' Settembru2019 fejn fost il-kundizzjonijeit hemm elenkati li l-appellant ma setax jikkommett reat ta natura volontarja u kien intrabat b'garanzija personali ta €3000 u ddeposita fir-registru ta din l-Onorabbi Qorti is-somma ta' €250. Ipprezentat ukoll kopja lgali ta digriet iehor moghti nhar it-2 ta' Mejju, 2017 mill-Magistrat Claire Stafrace Zammit[19] fejn fost il-kundizzjonijiet hemm imposti li l-appellant ma setax jikkommett reat ta natura volontarja u kien intrabat b'garanzija personali ta €8,000.

Illi l-ewwel Qorti waqfet hemm u sabet htija fir-rigward ta' dawn iz-zewg akkuzi. Din il-qoti pero marret pass oltre u dan ghaliex rat ix-xhieda moghtija mil-ispettur Colin Sheldon nhar it-12 ta' Mejju 2021[20] fejn ikkonferma fir-rigward tad-digriet datat 20 ta' Settembru 2019 li dawn kienu l-kundizzjonijiet moghtija lill-appellant odjern fi proceduri ohra li kienu ghadhom pendenti. Ikkonferma li skond dan id-digriet l-appellant li gharaf fl-awla quddiem l-ewwel Qorti kien ghadu qed jiffirma l-ghassa tal-pulzija ta' tas-Sliema meta tressaq il-qorti akkuzati bir-reati odjerni. Rat ukoll ix-xhieda moghtija mill-ispetttur Jonathon Ransley nhar is-6 ta' Dicembru, 2021 fejn gharaf lill-appellant odjern bhala l-istess persuna li ingahta il-bail fid-digriet esebit u amrkat bhala dok CD 19, digriet moghti mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit nhar it-2 ta Mejju 2017 u jghid li kienu ghadhom in vigore dak in-nhar li xehed. Issa una volta l-appellant qed jinstab hati ta' numru ta' reati kif fuq spjegat isegwi ukoll li huwa kiser il-kundizzjonijiet 'mposti f'dawn iz-zewg digrieti stante li kkommetta reati ta' natura volontarja waqt li kien moghti il-helsien mill-arrest. Ghahekk l-imputazzonijeti erbatax uhmsitax xgew ukoll provati.

Fl-ahhar l-appellant gie akkuzat li hu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad li din giet provata bil-prezentata tas-sentenzi esebiti u cioe dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qort ta' Gudikatura Kriminali nhar l-10 ta' April 2019 liema sentenza giet esebita mill-Ispettur Godwin Scerri nhar it-30 ta' Gunju 2021. F'din is-sentenza hemm l-istess konnotati li hemm fl-imputazzjonijiet odjerni u ghalhekk mhemmx dubbju li l-appellant odjern huwa l-istess persuna kontra min inghatat din is-sentenza nhar it-20 ta' Gunju 2021 fejn gie

[19] Fol. 67 tal-atti Dok CD 19
[20] Fol. 113 Vol II tal-atti

kkundannat hmistax-il xahar prigunerija. Fil-process hemm zewg sentenzi ohra moghtja mnn din il-Qorti diversament preseduta nhar l-4 ta' Settembru 2020[21] u 30 ta' Settembru 2020[22]. F'dawn iz-zewg sentenzi hemm indikat n-numru tal-karta ta' identita tal-appellant odjern u fihom kien inghata sentenzi ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk din l-akkuza tar-recidva tirrizulta ukoll provata .

L-appellant fit-tieni aggravju tieghu stqarr li l-piena inflitta ta' tlett snin u sitt xhur priguenrija effettiva kienet wahda eccessiva . Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[23]:

> *'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[24]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[25] *u ohrajn.)'*
>
> *'...il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti (f'an il-Każ Qorti tal-Appell Superjuri )mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-għoti talpiena sakemm din ma tkunxtoħroġ barramil limiti stipulati fil liġi uma jkun hemm xejnx'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil- fatt ingħatat.'* (Repubblika versus Owen Bonnici tad 19 ta'Mejju 2011).

Hawn l-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) irreferiet għal sentenzi oħrajn: '**Il-Pulizija versus Carmelo Ebejer** tal-4 ta' Novembru, 2009; **Il-Pulizija versus Nikola Farrugia** tat-2 t'Ottubru 2002; **Il-Pulizija versus Maurizio Massimiliano** 13 ta'

---

[21] Fol. 446 tal-process
[22] Fol4447 tal-process
[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[24] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[25] Deciza fl-24 ta' April, 2003

Novembru 2003; **Repubblika ta' Malta versus David Vella** 14 ta' Ġunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta versus Eleno sive Lino Bezzina** tal-24 t'April, 2003.

Illi fil-kaz in desamina l-appellant ma ressaq l-ebda prova il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddipartixxi mill-piena moghtija fis-sentenza moghtija mill-ewwel qorti molto piu meta tqis li l-piena nghatat lejn il-minimu taghha minkejja li nstab hati talli huwa recidiv, talli ksier zewg ordnijiet moghtja lilu dwar il-liberta provisorja u isntab hati ta divesi reati meta l-fedina penali tieghu hija wahda refrettarja.Ir-ragunijeit moghtija mill-ewwel Qorti saebix wasluha timponi l-piena li applikat huma miktuba fis-sentenza tal-ewwel Qorti fil-pagna 25 u din il-Qorti tghamilhom taghha.

Din il-Qorti għalhekk qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti meta astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijeit numru tnejn (2), erbgha (4), sitta (6) u tmienja (8) dedotta kontra l-imputat; tikkonferma dik il-parti ta l-ewwel sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tnax-il akkuza dedotta kontra tieghu u minnha tilliberah.

Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha l-ohra pero fir-rigward tal-hames akkuza bl-ammont li huwa ddefroda hu ta' €1,552 u fir-rigward is-sebgha (7) akkuza fejn iddefroda fis-somma ta' €500, u kkundannatu ghal tliett snin u sitt xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perijodu li huwa ghamel taht arrest preventive. Tirrevoka id-digriet mill-helsien tal-arrest moghti minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-2 ta' Mejju 2017 u tordna ir-riarrest tieghu f'dawk il-proceduri kriminali u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' tlett elef euro (€3,000) mill-ammont ta' garanzija personali imposta fl-istess digriet; Tirrevoka id-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudiktura Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2019 u tordna ir-ri-arrest tieghu f'dawk il-proceduri kriminali u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss l-konfiska favur l-Gvern ta' Malta tad-depositu ta' €250 u ta' €1000 mill-ammont ta' garanzija personali impost fl-istess digriet.

Jekk il-hati jonqos li jhallas dawn l-ammonti imsemmija mill-garanzija personali jew parti minnhom l-ammont jew il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

In oltre b'zieda din il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar (1) minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti Kriminali b'dan ili jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabilita skond il-ligi.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza li dik il-Qorti li quddiemha hemm pendenti dawn iz-zewg proceduri kriminali fejn il-helsien mill-arrest gie revokat.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor Imhallef